# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 1971

Każ Nru 2602 /FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Concetta Abela

u

L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi nġusta

Data: 4 ta' Novembru 2009

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors tal-31 ta' Lulju 2008 magħmul minn l-Avukat Robert Abela f'isem Concetta Abela fejn ġie allegat li din kienet ġiet liċenzjata mill-impieg tagħha minn ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta fit-5 ta' Mejju 2008 mingħajr raġuni ġusta. L-Awtorità intimata li kienet rappreżentata mis-Sur Konrad Pule', Assistent Personali tal-Kap Ezekuttiv, assistit minn l-Avukat Ivan Gatt, ċaħdet dan.

Inżammu disa' seduti.

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba nuqqas infrastrutturali li jrid iħabbat wiċċu magħhom it-Tribunal u d-differimenti li ntalbu ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fi żmien xahar kif preskritt mill-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

L-Appellanti kienet ġiet impjegata ma' l-Awtorità intimata bħala *clerk part-time* għal perijodu definittiv. Iktar tard l-kuntratt tagħha ġie konvertit f'wieħed indefinit. Immedjatament wara ġiet liċenzjata għal raġuni li allegatament mhix ġusta u suffiċjenti. L-Awtorità intimata tirritjeni li r-raġuni tal-liċenzjament ta' l-Appellanti kienet minħabba "raġunijiet legali u proċeduri amministrattivi".

## 3. Eċċezzjoni

Fin-nota ta' trattazzjoni ppreżentata mill-Awtorità intimata fil-15 ta' Ġunju 2009 l-istess Awtorità eċċepiet li t-Tribunal "ma għandu l-ebda ġuridizzjoni li jisma jew jittratta dan il-każ". Eċċezzjoni dwar il-kompetenza jew il-ġurisdizzjoni trid tintalab *in limine litis* u mhux waqt il-prosegwiment tal-każ u ċertament mhux fil-fażi tat-trattazzjoni finali. Għaldaqstant it-talba qed tiġi respinta.

## 4. Konsiderazzjonijiet

L-Awtorità intimata ibbazat ir-raġuni għall-liċenzjament ta' l-Appellanti fuq il-fatt li skond hi l-impieg tagħha kien sar mill-istess Awtorità bi ksur tal-Kap 343[1] kif ukoll kontra l-provvedimenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta[2]. Ifisser illi meta l-Awtorità impjegat lill-Appellanti hi stess kienet qed tikser il-liġi. Dana skond hi rrenda l-impieg null. Irriżulta waqt is-smiegħ tal-każ illi meta l-Appellanti kienet originarjament impjegata għal perijodu ta' tliet xhur dan l-impieg kien regolari u dan jammetiha l-istess legali ta' l-Awtorità[3]. Kienu l-perijodi sussegwenti, skond l-istess Awtorità, li rrendew l-impieg irregolari.

Quddiemu t-Tribunal kellu dikjarazzjoni serja ħafna minn Awtorità li hi regolatur u għaldaqstant mogħnija b'responsabbiltà kbira. Din qed tiddikjara li kienet

---

[1] Artikolu 15
[2] Artikolu 101
[3] Seduta tas-7 ta' Ottubru 2009 fol.21

sfaċċatament kisret il-liġijiet tal-pajjiż meta mpjegat lill-Appellanti. Telenka żewġ liġijiet li kisret. Magħhom trid iżżid liġi oħra li rriżulta li kisret, dik li tobbliga lil kull *employer* biex javża lill-ETC b'kull impieg li jseħħ. Jirriżulta li l-Awtorità intimata naqset li tavża lill-ETC bl-impieg ta' l-Appellanti u kien biss wara l-liċenzjament tagħha li l-ETC saret taf permezz tat-*termination form* li l-Appellanti kienet ilha żmien impjegata ma' l-istess Awtorità!

Kieku t-Tribunal kellu jaċċetta t-teżi ta' l-Awtorità li billi kisret il-liġi rrendiet l-impieg ta' l-Appellanti null, għad li kien impieg reali, kien ifisser illi setgħet tittratta lill-istess impjegata kif trid hi, tinnegalha l-protezzjoni tal-liġi ta' l-impiegi u saħansitra tilliċenzjaha meta u kif trid kif fill-fatt għamlet, setgħet forsi anke tonqos li tħallasha. It-Tribunal għandu għax jaħseb li l-Awtorità għamlet dan kollu *in bona fede*. Iżda l-fatti kif ġraw jitfgħu dubju anke fuq dan. L-ewwel nett l-Awtorità naqset li timla l-*commencement form* tal-ETC u tibatha hekk kif beda' l-impieg ta' l-Appellanti, obbligu li kellha skond il-liġi. Sussegwentement kienet iġġedded il-perijodi ta' l-istess impieg tant li fl-aħħar dana sar ta' natura ndefinita. Allura kull darba li kien hemm skadenza l-Awtorità qatt ma ikkunsidrat il-punt dwar l-allegat ksur tal-liġi. Baqgħet *in bona fede*?

Irid jingħad ukoll illi jekk l-ewwel perijodu ta' l-impieg kien wieħed regolari kif ġie ammess il-fatt li għaddew iktar minn tnax il-ġurnata tax-xogħol qabel ma sar kuntratt ieħor irrenda l-impieg originali bħala wieħed indefinit skond il-Kap 452[4]. L-impieg sar regolari għaliex kien qed jitnissel *ex lege* minn wieħed li preċedentement kien regolari. Għad li l-Awtorità kienet minn għaliha li qed tikser il-liġi u l-Kostituzzjoni dan forsi ma kienx minnu. Oltre dan il-*proviso* tal-artikolu 15(2) tal-Kap 343 ċitat mill-Awtorità intimata[5] jgħid ċar u tond illi impjegati li jkunu ma' xi korp li l-Gvern għandu kontroll fuqu skond l-Artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni "allura dak l-impjegat għandu jitqies bħala li kien impjegat permezz tas-servizz tar-reklutaġġ provdut mill-Korporazzjoni". Issa *ex admissis* l-Awtorità tgħid illi l-Appellanti kienet regolarment impjegata fl-impieg oriġinali tagħha meta seħħ it-tieni perijodu. Ifisser skond dan il-*proviso* li l-Appellanti saret regolari fl-impieg tagħha.

Minn dan kollu jirriżulta li r-raġuni mogħtija mill-Awtorità intimata għal-liċenzjament ta' l-Appellanti ma eżistietx u konsegwentement ma kienx hemm raġuni valida għal liċenzjament tagħha.

---

[4] Art 34(2)

[5] Anness man-Nota ta' Trattazzjoni tal-15.6.09

## 5. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament ta' l-Appellanti Concetta Abela minn ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta saret għall-raġuni li la hija ġusta u l-anqas suffiċjenti.

## 6. Kumpens

It-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lill-Concetta Abela minn l-Awtoritá dwar it Trasport ta' Malta fl-ammont ta' €12,000 li jrid jitħallas mhux iktar tard mit-30 ta' Novembru 2009.

It-Tribunal jordna illi b'effett immedjat Cocetta Abela għandha terġa tiddaħal lura fl-istess post li kellha bl-istess kundizzjonijiet. Iż-żmien li għadda bejn il-liċenzjament tagħha u d-data li terġa tidħol għax-xogħol jiġi kunsidrat bħala frank bla ħlas.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

## 7. Kopja lill-Prim Ministru

In vista tal-fatt li l-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta ddikjarat li kisret il-liġi meta mpjegat lill-Appellanti kif ukoll marret kontra d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta t-Tribunal Industrijali jordna li kopja ta' din id-deċiżjoni tintbagħat lill-Onorevoli Prim Ministru.

## 6. Drittijiet

Ai termini ta' l-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman